

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)
> Finland

Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Finlandja

Finlandja



Din it-taqsimha tipprovdilek informazzjoni dwar il-qrati ġenerali u amministrattivi fil-Finlandja.

Qrati ġenerali u amministrattivi - introduzzjoni

Il-qrati Finlandiżi huma maqsuma fi qrati ġenerali, li jittrattaw kawżi kriminali u ċivili, qrati amministrattivi li jipprovdut sorveljanza ġudizzjarja ta' atti amministrattivi, u ċerti qrati speċjali.

"Qrati ġenerali" tirreferi għall-qrati li għandhom ġurisdizzjoni ġenerali. Fi kliem ieħor, huma jittrattaw kwistjonijiet legali li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni ta' xi qorti ġudizzjarja oħra. Il-qrati ġenerali Finlandiżi jikkonsistu f'

- 20 qorti distrettwali (*käräjäoikeudet/tingsrätterna*),
- ħames (5) qrati tal-appell (*hovioikeudet/hovrätterna*) u
- il-Qorti Suprema (*korkein oikeus/högsta domstolen*).

Il-qrati amministrattivi huma l-qrati amministrattivi ġenerali (*hallinto-oikeudet/förvaltningsdomstolarna*) fil-Finlandja.

Il-qrati amministrattivi ġenerali huma maqsuma fil-Qorti Amministrattiva Suprema (*korkein hallinto-oikeus/högsta förvaltningsdomstolen*) u l-qrati amministrattivi reġjonali. Hemm sitt qrati amministrattivi reġjonali fil-Finlandja: Il-Qrati Amministrattivi ta' Helsinki, Hämeenlinna, il-Finlandja tal-Lvant, il-Finlandja ta' Fuq, Turku u Vaasa. Barra minn hekk, il-Gżejjer Åland għandhom qorti amministrattiva separata, imsejħa l-Qorti Amministrattiva ta' Åland.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema hija l-qorti tal-aħħar istanza f'kawżi amministrattivi.

Qrati distrettwali

Il-qrati distrettwali jiffunzjonaw bħala qrati tal-ewwel istanza. Dawn jittrattaw kawżi kriminali u ċivili u ċerti petizzjonijiet, bħal divorzji. Bħalissa hemm 20 qorti distrettwali fil-Finlandja. Dawn iwarjaw ferm fid-daqs kemm f'termini ta' persunal kif ukoll ta' ammont ta' xogħol. Kull sena, il-qrati distrettwali jittrattaw madwar 550 000 kawża (80 000 kawża kriminali, 420 000 kawża ċivili u 50 000 petizzjoni). Il-qrati distrettwali b'kolloxx għandhom madwar 1 900 impjegat.

Id-dispożizzjonijiet u r-regolamenti li jirregolaw l-operazzjonijiet u l-amministrazzjoni tal-qrati distrettwali huma stabbiliti fl-Att dwar il-Qrati (*tuomioistuinelaki/domstolslag, 673/2016*) kif ukoll fir-regoli ta' proċedura tal-qrati distrettwali. Skont l-att, l-imħallef anzjan f'qorti tal-ewwel istanza huwa wkoll il-kap amministrattiv tal-qorti inkwistjoni.

Qorti distrettwali għandha wkoll bħala membri oħra, imħallfin onorarji li jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kawżi kriminali aktar serji u kwistjonijiet li jikkonċernaw kawżi dwar id-drittijiet tal-art. Il-kunsilli municiċipali jaħtru lill-imħallfin onorarji. Il-Ministeru tal-Ġustizzja jikkonferma n-numru ta' mħallfin onorarji li għandhom jintgħażlu

minn kull muniċipalità. Il-kumpens lill-imħallfin onorarji jitħallas mill-fondi tal-Istat.

Proċedura fil-qorti distrettwali

Proċedura ċivili f'qorti distrettwali għandha żewġ stadji: il-preparazzjoni u seduta prinċipali. Il-preparazzjoni tibda permezz tas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet. Il-kawżi li jikkonċernaw talbiet mhux ikkontestati sikwit ikunu diġà ssolvew matul dan l-istadju. Il-preparazzjoni orali ssir f'seduta preparatorja quddiem imħallef wieħed.

Jekk f'dan l-istadju ma jintlaħaqx ftehim, il-kwistjoni tiġi riferita għal seduta prinċipali separata. Fis-seduta prinċipali jistgħu jkunu preżenti mħallef wieħed jew tliet imħallfin. Fejn ikun possibbli, is-seduta prinċipali ssir immedjatament wara s-seduta preparatorja.

F'kawża kriminali, il-kompożizzjoni tal-qorti tiddependi mir-reat. Jekk ir-reat ikun żgħir, il-kawża tista' tinstema' minn imħallef wieħed, filwaqt li reati aktar serji ġeneralment jinstemgħu minn bord ta' mħallef wieħed u żewġ imħallfin onorarji, jew minn tliet imħallfin.

Il-proċedura kriminali ssegwi l-istess prinċipji bħal fil-kawżi ċivili. Kawża kriminali tista' tibda wkoll b'seduta preparatorja. Il-qorti tista' titlob lill-konvenut biex jippreżenta l-opinjonijiet tiegħu dwar il-każ qabel is-seduta prinċipali. Il-proċedura hija orali, u s-sentenza tkun ibbażata fuq il-fatti u l-provi ppreżentati lill-qorti mill-partijiet. L-evidenza kollha tingħabar fis-seduta prinċipali. F'kawżi kriminali wkoll, is-seduta prinċipali ssir minnufih wara s-seduta preparatorja, fejn ikun possibbli. Il-kompożizzjoni tal-qorti ma tistax tinbidel waqt seduta prinċipali. Ċerti kawżi kriminali jistgħu, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi, jitqiesu permezz ta' proċedura bil-miktub mingħajr ma tiġi organizzata seduta prinċipali.

Meta l-qorti ma jirnexx ilhiex tilħaq kunsens dwar is-sentenza, jittieħed vot; kull membru tal-bord ikollu vot wieħed. Jekk ikun hemm voti ndaq f'każ ċivili, tipprevali l-għażla ppreferuta mill-imħallef; f'każ kriminali, tipprevali l-alternattiva l-aktar klementi.

Is-sentenza tikkonsisti f'deċiżjoni u f'dikjarazzjoni tar-raġunijiet. Fil-biċċa l-kbira tal-kawżi, is-sentenza normalment tingħata fi tmiem is-seduta prinċipali. F'kawżi estensivi jew inkella kkomplicati, madankollu, is-sentenza tista' tingħata sa ġimagħtejn wara s-seduta prinċipali. F'dak il-każ, il-partijiet jistgħu jiġbru s-sentenza bil-miktub mir-reġistru tal-qorti.

Qrati tal-appell

Il-Finlandja għandha ħames [qrati tal-appell](#): f'Helsinki, fil-Finlandja tal-Lvant (f'Kuopio), f'Rovaniemi, f'Vaasa u f'Turku.

Bħala qrati tat-tieni istanza, il-qrati tal-appell jikkunsidraw l-appelli u l-ilmenti kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati distrettwali. F'ċerti każijiet, il-qrati tal-appell jistgħu jaġixxu wkoll bħala qorti tal-ewwel istanza. Pereżempju, huma jikkunsidraw kawżi li jirrigwardaw reati f'karigi li jinvolvu mħallfin jew uffiċjali pubbliċi għolja ta' qrati amministrattivi fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

Kull qorti tal-appell hija responsabbli wkoll mis-supervizzjoni tal-operat tal-qrati distrettwali fil-ġurisdizzjoni tagħha, kif ukoll għal ċerti materji ta' amministrazzjoni ġudizzjarja, bħall-ħruġ ta' dikjarazzjoni lill-Bord għall-Ħatriet Ġudizzjarji fuq dawk li japplikaw għall-kariga ta' mħallef ta' qorti distrettwali jew ta' qorti tal-appell. Il-qorti tal-appell trid toħroġ id-dikjarazzjoni fil-kompożizzjoni preskritta fil-liġi. Il-president tal-qorti tal-appell huwa responsabbli għall-operazzjonijiet u l-produttività tal-qorti.

Il-qorti tal-appell hija maqsuma f'dipartimenti. Dipartiment jikkonsisti f'kap ta' dipartiment u mħallfin oħra. Ġeneralment, il-kawżi jiġu mismugħa minn bord ta' tliet imħallfin.

Proċedura fil-qrati tal-appell

F'ċerti kawżi kriminali u ċivili, l-appellant jeħtieġ li l-qorti tal-appell tagħti awtorizzazzjoni għal aktar kunsiderazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni għal aktar kunsiderazzjoni huma stabbiliti mil-liġi. Il-kunsiderazzjoni tal-każ issir permezz ta' proċedura bil-miktub jew f'seduta orali prinċipali.

Qorti Suprema

[Il-Qorti Suprema](#) hija l-ogħla qorti ta' appell fil-Finlandja. Din hija maqsuma f'awli bi kworum b'ħames membri preżenti.

Biex tirrinviya kawża quddiem il-Qorti Suprema, il-parti kkonċernata trid titlob għal awtorizzazzjoni biex tippreżenta appell minn sentenza ta' qorti. Il-Qorti Suprema teżamina r-rikors u tiddeċiedi jekk tistax tingħata awtorizzazzjoni għall-appell fil-każ inkwistjoni. Id-deċiżjoni tittieħed minn bord li jikkonsisti minn żewġ jew tliet membri. Awtorizzazzjoni għal appell tista' tingħata biss taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi.

Sa mill-1980, il-Qorti Suprema kienet istituzzjoni li tistabbilixxi l-preċedenti. Fil-prattika, deċiżjoni tal-Qorti Suprema toħloq stat ta' dritt li qrati oħra jridu jsegwu f'kawżi simili. L-awtorizzazzjoni għall-appell mhijiex meħtieġa f'kawżi fejn qorti tal-appell tkun aġixxiet bħala l-qorti tal-ewwel istanza.

It-tranżazzjonijiet tal-Qorti Suprema huma ppreseduti mill-president tagħha. Il-membri l-oħra tal-Qorti Suprema jissejġu mħallfin. Materja tista' titressaq mis-segretarju ġenerali, konsulent referendarju, segretarju ġudizzjarju superjuri, jew segretarju ġudizzjarju.

Minbarra l-kunsiderazzjoni ta' materji ta' proċedura ġudizzjarja, il-Qorti Suprema hija responsabbli mill-ħatra tal-imħallfin tal-qrati ġenerali għal karigi ta' terminu fiss li jdumu aktar minn sena. Il-Qorti Suprema tagħti dikjarazzjonijiet ukoll dwar abbozzi ta' liġijiet u l-maħfriet presidenzjali li jiġu ppreżentati lill-President tar-Repubblika għal konferma.

Il-proċedura fil-Qorti Suprema normalment tkun bil-miktub, iżda jekk ikun hemm bżonn jistgħu jsiru seduti orali.

Qrati amministrattivi ġenerali

Qrati amministrattivi

Il-Kostituzzjoni tal-Finlandja tirrikjedi li kull attività pubblika tosserva strettament il-liġi. Persuna jew korporazzjoni li tqis li deċiżjoni ta' stat jew ta' awtorità lokali fi kwistjoni li tikkonċernaha hija illegali għandha, bħala regola, id-dritt li tappella kontra d-deċiżjoni.

Meta tiegħu deċiżjoni, l-awtorità trid tipprovi informazzjoni dwar kif u fejn wiegħed jista' jappella kontra d-deċiżjoni. F'ħafna kawżi, huwa possibbli li l-ewwel nett tintalab rettifika mill-awtorità amministrattiva rilevanti, u wara dan, parti mhux sodisfatta tista' tressaq appell quddiem [qorti amministrattiva](#). Id-distretti ġudizzjarji tal-qrati amministrattivi huma bbażati fuq ir-reġjuni Finlandiżi, b'mod li distrett wiegħed ikopri reġjun wiegħed jew iktar.

Wara appell, il-qorti amministrattiva teżamina mill-ġdid il-legalità tad-deċiżjoni tal-awtorità. Jekk l-appellant ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni tal-qorti amministrattiva, fil-biċċa l-kbira tal-kawżi huwa possibbli li jsir appell ulterjuri quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema, jew mill-inqas li wiegħed jirrikorri għall-Qorti Amministrattiva Suprema għal awtorizzazzjoni biex jappella.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-qrati amministrattivi huma stabbiliti fl-Att dwar il-Qrati Amministrattivi (*hallinto-oikeuslaki/lag om förvaltningsdomstolarna* 430/1999), fid-Digriet tal-Gvern dwar il-Ġurisdizzjonijiet tal-Qrati Amministrattivi (*valtioneuvoston asetus hallinto-oikeuksien tuomiopiireistä/statsrådets förordning om förvaltningsdomstolarnas domkretsar* 865/2016) u f'diversi regoli ta' proċedura. Id-dispożizzjonijiet proċedurali li japplikaw għall-qrati amministrattivi huma stabbiliti fl-Att dwar il-Proċedura Ġudizzjarja Amministrattiva (*hallintolainkäyttölaki/förvaltningsprocesslag* 586/1996).

Madwar 20 000 appell jiġu ppreżentati lill-qrati amministrattivi kull sena. Il-maġġoranza ta' dawn il-kawżi jkunu appelli, iżda l-qrati amministrattivi jikkunsidraw ukoll tilwim amministrattivi u kawżi ta' sottomissjoni. Il-klassifikazzjoni tar-reġistru tinkludi kważi 300 kategorija differenti ta' kawżi, li turi l-varjetà wiesgħa ta' materji kkunsidrati mill-qrati amministrattivi. Il-qrati amministrattivi huma qrati reġjonali ġenerali u, bħala regola, jittrattaw il-materji kollha tal-ġustizzja amministrattiva. Madankollu, xi materji huma ċċentralizzati għal ċerti qrati amministrattivi:

- il-Qorti Amministrattiva ta' Helsinki għandha kompetenza esklużiva fuq materji ta' taxxa fuq il-valur miżjud u dazji doganali;
- il-Qorti Amministrattiva ta' Vaasa għandha kompetenza esklużiva fuq materji ta' permessi u ta' infurzar skont l-Att dwar l-Ilma u l-Att dwar il-Protezzjoni Ambjentali;
- il-Qorti Amministrattiva ta' Hämeenlinna tikkunsidra appelli dwar is-sussidji agrikoli, appoġġ għall-iżvilupp rurali u appoġġ strutturali għall-agrikoltura;
- il-Qorti Amministrattiva tal-Finlandja ta' Fuq tikkunsidra l-appelli f'materji li jikkonċernaw is-sussidji għat-trobbija tar-renni u l-għajxien naturali, kif ukoll l-appelli f'ċerti materji deċiżi skont l-Att ta' Skolt (*kolttalaki/skoltlag* 253/1995).

Il-membri ta' qorti amministrattiva huma l-prim imħallef u l-imħallfin tal-qorti amministrattiva. Il-prim imħallef imexxi x-xogħol tal-qorti u huwa responsabbli għall-produttività tagħha. Qorti amministrattiva tista' taqsam lilha nnifisha f'dipartimenti għall-ħidma tagħha. Dipartiment jitmexxa minn imħallef imħarreġ fil-liġi u maftur bħala kap tad-dipartiment. Minbarra l-imħallfin tal-qorti amministrattivi, il-persunal tal-qorti amministrattivi jinkludi referendarji u persunal tal-uffiċċji. In-numru ta' persunal tal-qorti amministrattiva jammonta għal madwar 550.

Il-kompożizzjonijiet għad-deċiżjonijiet tal-qorti amministrattivi

Il-qorti amministrattivi huma qorti kolleġġjali li normalment ikollhom kworum bi tliet membri preżenti. Il-membri ta' qorti amministrattiva huma l-prim imħallef u l-imħallfin tal-qorti amministrattiva. F'ċerti materji, bħal dawk li jinvolvu s-saħħa mentali jew l-indukrar tat-tfal, membru espert part-time jieħu sehem ukoll fil-kunsiderazzjoni u d-deċiżjoni tal-kwistjoni. Materji skont l-Att dwar il-Protezzjoni Ambjentali u l-Att dwar l-Ilma jitqiesu f'kompożizzjoni li tikkonsisti minn membri mħarrġa fil-liġi, kif ukoll esperti kemm fix-xjenzi naturali jew fl-inġinerija. Il-kompożizzjoni normali għad-deċiżjonijiet f'dawn il-materji tinkludi erba' membri.

Il-qorti amministrattivi jistgħu jiddeċiedu wkoll ċerti appelli sempliċi f'kompożizzjonijiet iżgħar, sakemm dan ma jkunx ta' riskju għall-protezzjoni legali tal-partijiet.

Ċerti appelli, elenkati fil-liġi, jistgħu jiġu deċiżi f'kompożizzjoni ta' żewġ membri meta l-kwistjoni tkun ċara u ma tkunx teħtieġ interpretazzjoni ġdida tal-liġi. Dan jinkludi ċerti appelli relatati mad-dħul, taxxi fuq il-proprjetà u taxxi fuq il-vetturi u permessi tal-bini. Jekk il-membri f'kompożizzjoni ta' żewġ membri ma jaqblux dwar id-deċiżjoni, il-każ ikollu jiġi deċiż b'kompożizzjoni normali ta' tliet membri. Membru wieħed jista' jiddeċiedi, pereżempju, appelli relatati ma' multi ta' parking, f'ħasijiet għal vetturi rmunkati, liċenzji tas-sewqan u multi tat-trasport pubbliku. Membru wieħed jista' wkoll jieħu deċiżjonijiet dwar il-projbizzjonijiet proviżorji kollha fuq l-infurzar u jipprojbixxi jew jikkonferma l-infurzar ta' taxxi jew pagamenti.

Proċedura fil-qorti amministrattivi

Fil-qorti amministrattivi, il-kunsiderazzjoni tal-każ issir primarjament fil-proċedura bil-miktub, iżda s-seduti orali u l-istħarriġ ġudizzjarju saru aktar komuni f'dawn l-aħħar snin. In-numru ta' seduti orali żdied b'mod speċjali f'kawżi li jikkonċernaw il-protezzjoni tat-tfal jew ta' ċittadini barranin.

Bħala regola, l-appellant jew ir-rikorrent għandu l-obbligu li jippreżenta t-talbiet tiegħu u r-raġunijiet għat-talbiet tiegħu. Madankollu, il-qorti amministrattiva hija responsabbli *ex officio* biex tiżgura eżami xieraq tal-każ. Skont l-Att dwar il-Proċedura Ġudizzjarja Amministrattiva, il-qorti amministrattiva trid teżamina l-każ sal-punt meħtieġ mill-imparzjalità u l-ekwità tal-proċedura u n-natura tal-każ.

Il-qorti amministrattivi għandhom l-għan li jisimgħu l-kawżi tagħhom fl-ordni li jaslu. Madankollu, ċerti materji jinstemgħu b'urġenza. Ladarba materja tkun saret pendenti f'qorti amministrattiva, ir-referendarju jħejji l-każ. Ir-referendarji fil-qorti amministrattivi jinkludu assistenti mħallfin u nutara u xi drabi anki mħallfin amministrattivi. Ir-referendarju huwa responsabbli għall-kisba tad-dikjarazzjonijiet jew ir-rapporti kollha meħtieġa mill-awtoritajiet rilevanti, kif ukoll sabiex jisma' lill-partijiet.

Ladarba l-materja ssir pendenti, il-prekundizzjonijiet għall-proċedimenti jiġu eżaminati u, f'kawżi ta' appell, jinkisbu dikjarazzjoni u kwalunkwe dokument rilevanti ta' sfond mill-awtorità responsabbli għad-deċiżjoni appellata. Wara dan, jinstemgħu kwalunkwe parti oħra u l-appellant.

Ir-referendarju jħejji abbozz ta' deċiżjoni dwar il-każ li jkun qed jiġi kkunsidrat. L-imħallfin jiffamiljarizzaw ruħhom

mad-dokumenti u l-abbozz tad-deċiżjoni, u wara dan il-każ jiġi deċiż f'sessjoni tal-qorti amministrattiva.

Il-qorti amministrattiva tqis iċ-ċirkustanzi kollha li jirriżultaw mill-każ u tiddeċiedi liema ċirkustanzi huma rilevanti għad-deċiżjoni. Jekk il-membri li jipparteċipaw fid-deċiżjoni ma jilhqax kunsens, jittieħed vot. F'dan il-każ, ir-referendarju għandu d-dritt li jiddikjara opinjoni kuntrarja. Wara s-sessjoni, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tkun għadha tista' tiġi riveduta, u ladarba tkun għet iffirmata, id-deċiżjoni mbagħad tingħata lill-partijiet.

Qorti Amministrattiva Suprema

Il-Qorti Amministrattiva Suprema hija l-aħħar istanza f'kawżi amministrattivi u għandha l-ogħla poteri ġudizzjarji f'materji ta' proċedura ġudizzjarja.

Il-maġġoranza tal-kategoriji ta' kawżi ttrattati mill-Qorti Amministrattiva Suprema huma appelli li jirrigwardaw qrati amministrattivi oħra. F'ċerti każijiet, l-appellant irid l-ewwel jitlob għal permess biex jappella quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema.

Fil-Finlandja, jista' jsir ukoll appell kontra deċiżjonijiet meħuda mill-Gvern jew minn ministeru, jiġifieri l-korpi li jirrappreżentaw l-ogħla setgħat eżekuttivi.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema tista' wkoll tagħti dikjarazzjonijiet u tissottometti propositi dwar kwistjonijiet leġiżlattivi. Tissorvelja wkoll il-proċedura ġudizzjarja fil-qasam tal-kompetenza tagħha. Id-dmir tagħha huwa li tiżgura li s-sistema tal-qrati amministrattivi topera b'mod unit u effiċjenti. Il-Qorti Amministrattiva Suprema hija responsabbli wkoll mill-ħatra ta' mħallfin ta' qrati amministrattivi għal pożizzjonijiet ta' terminu fiss li jdumu aktar minn sena.

Il-president imexxi l-operat tal-Qorti Amministrattiva Suprema. Il-membri l-oħra tal-Qorti Amministrattiva Suprema jissejħu mħallfin. L-għadd ta' mħallfin huwa madwar 20. Barra minn hekk, il-Qorti Amministrattiva Suprema għandha madwar 50 referendarju u ammont korrispondenti ta' impjegati oħra. Il-Qorti Amministrattiva Suprema hija maqsuma f'awli. Is-Segretarju Ġenerali jmexxi l-persunal tal-uffiċċju.

Kull sena jiġu ppreżentati madwar 6 000 appell quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema. Il-kawżi quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema huma ġeneralment deċiżi minn bord ta' ħames imħallfin. Meta jirrifjuta awtorizzazzjoni għall-appell, il-bord jista' jkun kompost minn tliet imħallfin. Fil-kawżi msemmija fl-Att dwar l-Ilma u l-Att dwar il-Protezzjoni Ambjentali kif ukoll fil-kawżi li jikkonċernaw ċerti drittijiet tal-proprjetà intellettuali bħall-privattivi, l-awla hija magħmula minn membri mħarrġa fil-liġi u żewġ membri esperti part-time. Il-membri esperti għandhom l-istatus ta' mħallf indipendenti. Fil-Qorti Amministrattiva Suprema, il-kunsiderazzjoni tal-kawża ssir prinċipalment fil-proċedura bil-miktub; in-numru ta' seduti orali u ta' stħarriġ ġudizzjarju li jsiru kull sena jkun inqas minn għaxra.

Il-bażijiet tad-*data* legali u siti web

Isem tal-bażi tad-*data*

[Sit web ta' Finlex](#)

[Is-sit web tal-Ġudikatura Finlandiża](#)

L-aċċess għas-sit web jew il-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess huwa mingħajr ħlas.

Is-sit web [Oikeus.fi](#) jinkludi informazzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja tal-Finlandja. Huwa servizz ċentralizzat online għal dawk li jfittxu informazzjoni dwar il-qrati, il-prosekuturi, il-marixxalli, l-uffiċċji tal-għajnuna legali u korpi pubbliċi oħra li jittrattaw l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fil-Finlandja.

Dan jinkludi, pereżempju, l-iktar ġurisprudenza reċenti mill-qrati tal-appell u l-qrati amministrattivi. Bażijiet tad-*data* aktar estensivi dwar il-Qorti Suprema, il-qrati tal-appell, il-qrati amministrattivi u l-qrati speċjali huma disponibbli mis-servizz bla ħlas tal-[Finlex](#) miżmum mill-Ministeru tal-Ġustizzja Finlandiż.

L-aħħar aġġornament: 19/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.